MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 610/2003

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Carmelo Bellizzi nominat b'digriet tas-27 ta' Dicembru, 2001 sabiex jirrapprezenta lil Mary Hoggard nee' Bellizzi assenti minn Malta.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attur ippremetta li Mary Hoggard nee' Bellizzi waqt li kienet impjegata fis-Servizz Civili fid-Dipartiment tas-Sahha bhala "Professional Officer Grade 2" intbaghtet taghmel kors f'Aberdeen l-Iskozja liema kors kien iwassal ghall-PhD fin-"Nutrition".

Illi minhabba li l-kors kien ta’ tlett snin hija ntrabtet permezz ta’ zewg kuntratti pubblici sabiex taghti servizz lill-Gvern ghal-hames snin wara li ttemm il-kors b’success u fin-nuqqas li taghmel dan jkollha tirrifondi s-somma versata mill-Gvern sabiex hija tkun tista’ tattendi l-kors, liema somma tammonta ghal tmienja u ghoxrin elf u tlieta u tletin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm28,033.83).

Illi Mary Hoggard nee’ Bellizzi temmet il-kors b’success izda naqset li taghti servizz lill-Gvern kif minnha adiz u dan bi ksur tal-obbligazzjoni minnha assunta, kif ukoll naqset li tirrifondi s-somma msemmija.

Ghalhekk talbet li l-konvenut ighid ghaliex m’ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti illi:-

1. Il-konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali taghha billi ma tatx servizz ill-Gvern ta’ hames snin meta temmet il-kors b’success.

2. Tikkundannha thallas is-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf u tlieta u tletin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm28,033.83). Rapprezentanti salarji, u bonuses, mizati, airfaires versati mill-attur sabiex Mary Hoggard nee’ Bellizzi tattendi l-kors f’Abardeen.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-14 ta’ Settembru 2000 kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tal-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------